# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 15 ta' Novembru 2022

## Talba numru 178/2019SFJ

***Atlas Insurance PCC Limited (C5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Tug Malta Limited u l-istess Tug Malta Limited (C4595)***

***vs.***

***Daniel Grima (668752M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fil-11 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu l-atturi talbu li l-konvenut ikun ikkundannat iħallashom is-somma komplessiva ta' erbat elef u tlett mija u wieħed u sebgħin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€4,371.37);

Ra r-Risposta ppreżentata fid-9 ta' Awwissu 2019 li permezz tagħha oppona t-talbiet tal-atturi;

Sema' l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-15 ta' Novembru 2022.

**Provi ppreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Billi fil-bidu tal-kawża kien hemm inverżjoni tal-provi stante l-eċċezzjoni tal-forza maġġuri eċċepita mill-konvenut, xehed il-konvenut in eżami.

Grima qal li nhar it-22 ta' Ottubru 2018 irċieva telefonata mingħand Tug Malta Limited (minn issa 'l quddiem "Tug Malta"), li għandha maħżen taħt fond tiegħu, u min kellmu qallu li kien hemm xi ilma jqattar mill-bejt, ċioe mis-saqaf. Huwa mar fuq il-post u ra xi qtar fir-rokna fit-tarf tas-saqaf, nieżel mix-xorok. Imbagħad, tela' fuq biex jara kienx hemm xi ilma, iżda ma sabx ħlief għadira żgħira viċin tat-tieqa, li huwa kien ħalla sokjuża biex tgħaddi l-arja ladarba l-fond tiegħu ma kienx okkupat. Huwa qal lil Tug Malta li ma kienx jaf minn fejn kien dieħel l-ilma. Tug Malta mbagħad wrewh li l-ilma kien qiegħed iqattar fuq xi kaxex (fil-fond sottostanti tagħhom) li kienu mgħottijin bil-plastik. Kien hemm ukoll *garbage bags*. Xi żmien wara, Tug Malta reġgħet ċemplitlu u qaltlu li kien ser imur il-perit tagħhom sabiex jara żewġ xorok li kienu nqasmu. Sar appuntament u mar fuq il-post il-Perit Joe Grech. Dan sab xi xquq miftuħin u ta parir kemm lil Grima kif ukoll lil Tug Malta sabiex jingħalqu. Eventwalment dawn ix-xquq tkaħħlu minn bajjad inkarigat minn Grima. Il-fili miftuħin kienu man-naħa tal-ħajt ta' Tug Malta. Huwa qal li seta' jitkellem dwar il-fond tiegħu u ma kienx jaf f'liema stat kien il-fond ta' Tug Malta. Ix-xhud spjega li huwa dejjem għamel manutenzjoni fil-fond tiegħu u kien imkaħħal minn kullimkien.

Grima esebixxa rapporti tat-temp li ngħatawlu mill-Uffiċċju Meteoroloġiku dwar maltemp f'Ottubru 2018. Aktar tard, huwa ppreżenta l-affidavit tiegħu stess li huwa kkonferma taħt ġurament quddiem it-Tribunal.

In kontro-eżami, Grima qal li l-fond tiegħu kien ilu xi tmien snin mhux okkupat iżda hu kien iżuru madwar tlett darbiet jew erba' darbiet f'xahar, għalkemm ġieli għaddew madwar xahrejn bejn żjara u oħra. Huwa qal li ried jiżviluppa l-fond u jibni madwar erba' sulari, bil-għan li jittrasformah f'uffiċċji. Meta kien iżur il-post kien jagħmel spezzjoni viżwali. Huwa aċċetta li 'il fuq mis-saqaf tal-maħżen ta' Tug Malta kien hemm il-fond tiegħu.

Ix-xhud Steve Garzia, li jaħdem ma' Tug Malta, qal li fit-22 ta' Ottubru 2018, fil-maħżen ta' Tug Malta fejn kien hemm stivati *spare parts* għat-*tug boat* li jisimha "Pawlina", sab li l-*parts* kienu mxarrbin u kien hemm għadira ilma mal-art taħt l-ixkafef. Huwa ra li l-ilma kien ġej mis-saqaf tar-raff u kien hemm ċarċir mal-ħajt tal-faċċata. Meta tela' fuq ir-raff, huwa ra li l-ilma kien qiegħed iċarċar mis-saqaf tal-maħżen preċiżament minn bejn ix-xorok u għalhekk kienu qed jixxarrbu anki l-affarijiet li kien hemm fuq ir-raff. Ix-xhud qal li Tug Malta talbitu jara l-oġġetti li kienu xxarrbu.

Infetħu l-kaxex kollha u l-*parts* tal-metall ġew ixxuttati u ngħatalhom żejt protettiv. Madankollu, xi *parts* elettroniċi ma setgħux jintużaw minħabba kuntatt mal-ilma u kellhom jintremew. Ix-xhud ippreżenta lista ta' *parts* li ma setgħux ikunu salvati (fol. 62).

Ġie ppreżentat affidavit tal-Perit Joseph Grech kif ukoll rapport qasir tiegħu li ġie kkonfermat taħt ġurament.

Xehdet ukoll Francesca Bartolo, impjegata fi ħdan is-soċjetà assiguratriċi.

Id-diffikultà ewlenija f'dan il-każ tirrigwarda l-kwistjoni tal-fili, li eventwalment tkaħħlu, u l-kwistjoni tat-tieqa li l-konvenut ammetta li ħalla "*sokjuża*", liema kelma tfisser li t-tieqa ma kinitx magħluqa iżda lanqas kienet miftuħa beraħ. Il-konvenut jgħid diversi drabi li l-ħsara subita minn Tug Malta kienet dovuta għall-ammont eċċezzjonali ta' xita li niżlet fil-ġranet inkwistjoni u jeċċepixxi l-forza maġġuri.

Fis-sentenza ***<u>Mizzi et vs. Paris et</u>*** (27 ta' Marzu 2009), il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet:

> "*Skont il-Liġi, l-Artikolu 1029 tal-Kap. 16, kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi li tgħid ilkuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara. F'każijiet bħal dawn min jallega li dak li ġara kien dovut minħabba forza maġġuri, jew casus għandu l-obbligu li jippruvah u dan sal-grad ta' probabbilità.*"

Imbagħad, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) ***<u>Simonds Farsons Cisk plc vs. Mark Gerard Naylor et</u>*** (6 ta' Ottubru 2010), ġie spjegat:

> "*Skond id-dottrina u l-gurisprudenza prevalenti l-kawza ghal liema d-debitur mhux imputabbli hi identifikata f'event straordinarju jew imprevidibbli. Dawn huma ezemplifikati fiz-zewg koncetti predominanti tal-kaz fortuwitu jew tal-forza magguri u li, ordinarjament, igibu l-impossibilita` tal-prestazzjoni u jiddeterminaw it-telf tal-haga li trid tinghata skond l-oggett ta' l-obbligazzjoni. Hekk, huwa konkordi illi "il caso fortuito e la forza maggiore e` l'evento non dipendente da azione od omissione volontaria o colposa, non prevedibile e almeno non evitabile" ("Publio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich et", Appell Civili, 14 ta' Novembru 1919). Li jfisser, illi l-kaz fortuwitu jew il-forza magguri ma jehilsux mir-responsabilita ghad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' minn ikkaguna d-danni. (Ara "Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech et", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju, 1938), ghax allura jitlef in-natura tieghu ta' kaz fortuwitu jew ta' forza magguri, la darba seta' jkun impedut mid-debitur stess permezz tad-diligenza medja u ordinarja tal-bniedem normali li huwa kien*

> *obbligat li juza. Ara "Albert Borg Falzon proprio et nomine et -vs- Charles Darmanin proprio et nomine", Appell Kummercjali, 7 ta' Gunju, 1940."*

L-ewwel raġuni li għaliha t-Tribunal ma jaqbilx mad-difiża tal-forza maġġuri hija li l-inżul tax-xita, anki jekk fix-xhur tas-sajf jew f'xhur fejn it-temp ikun għadu pjuttost sħun, mhuwiex event straordinarju jew imprevedibbli, anki jekk fi kwantitajiet kbar.

Minbarra dan, għalkemm il-fond appartenenti lill-konvenut ma kienx jintuża kuljum, jirriżulta li l-konvenut kien iżur il-fond diversi drabi kull xahar sabiex jara li kollox għadu sewwa. Huwa ferm prevedibbli li xi ġurnata fost l-oħrajn tista' tinżel ix-xita, anki jekk fis-sajf, bil-konsegwenza li l-ilma jista' jidħol kemm-il darba t-tieqa ma tingħalaqx. Anki jekk, għall-grazzja tal-argument, it-tieqa kienet miftuħa, il-konvenut messu, meta ra li kienet ġejja x-xita, mar fil-fond u għalaqha. Fil-fatt, Daniel Grima jgħid fl-affidavit tiegħu li wara li ċemplulu l-uffiċjali ta' Tug Malta, huwa mar fil-proprjetà tiegħu u sab għadira fuq ġewwa, għalkemm żgħira. Għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, il-konvenut għandu xi ftit tal-ħtija għal dak li ġara.

Mill-atti ma jirriżultax ċar jekk il-fili li ma kinux imkaħħla kinux fili fuq in-naħa ta' barra tal-fond appartenenti lil Tug Malta jew kinux fili fuq in-naħa ta' barra tal-fond appartenenti lil Grima. Grima jgħid fl-affidavit tiegħu li l-fili mikxufin kienu dawk fil-livell tas-saqaf li jifred il-proprjetà tal-konvenut minn dik ta' Tug Malta (jiġifieri dak li huwa l-art tal-proprjetà ta' Grima u s-saqaf tal-proprjetà ta' Tug Malta). Grima jikkonferma li l-Perit Joe Grech qal li jkun aħjar li l-fili jitkaħħlu għax seta' jidħol l-ilma minnhom.

L-affidavit tal-Perit Grech jgħid li huwa ġie nfurmat minn Grima li tħalliet tieqa miftuħa u per konsegwenza daħal l-ilma. Imbagħad, huwa qal li ra li l-art tal-fond tal-konvenut kien magħmul minn madum antik u qal li kien probabbli li jidħol l-ilma minn ġol-fili u jippenetra minn bejn ix-xorok.

Fir-rapport tiegħu, il-Perit Grech jiċċara li l-fili miftuħin kienu fl-*external back wall* tal-fond tal-konvenut. It-Tribunal ma jista' jsib xejn fl-atti li jinnega dan jew jirrendi dan ir-rapport mhux ta' min joqgħod fuqu. Wara kollox, fit-trattazzjoni tiegħu, l-abbli difensur tal-konvenut qal ċar li r-rapport tal-Perit Grech kien "*pjuttost imparzjali avolja kien imqabbad minn Tug Malta*".

It-Tribunal huwa tal-fehma li għalkemm il-maġġoranza tar-responsabilità għall-akkadut hija tal-konvenut, Tug Malta għandha ġġorr biċċa mir-responsabilità *siccome* d-diriġenti tagħha messhom *a priori* raw li l-fili fil-partijiet tal-ħitan appartenenti lilhom ma jibqgħux mikxufin. Għalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut Daniel Grima jġorr tmenin fil-mija (80%) tar-responsabilità filwaqt li Tug Malta ġġorr għoxrin fil-mija (20%) tar-responsabilità.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li sema' l-provi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi:

i. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;

ii. Jilqa' t-talbiet tal-atturi limitatament għal tmenin fil-mija (80%) tal-ammont minnhom mitlub u għalhekk jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' tlett elef u erba' mija u sebgħa u disgħin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€3,497.49);

iii. Jordna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma msemmija fil-punt preċedenti filwaqt li jordna li l-imgħax għandu jkun ikkalkulat mid-data tal-ftuħ tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv, u b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu fil-proporzjon ta' tmenin fil-mija (80%) mill-konvenut u għoxrin fil-mija (20%) mill-atturi *in solidum* bejniethom.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**